**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**PERIT JESMOND MUGLIETTE**
**INGINIER ALEXANDER GALEA**

**Illum 22 ta' Frar 2016**

**Rikors Numru. 79/2014**

**Bitmac Limited (C-249)**

**Vs**

**Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi u b'digriet tal-24 ta' Settembru 2015 l-atti gew trasfuzi f'isem ir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell ta' **Bitmac Limited** pprezentat fid-9 ta' Ottubru 2014 li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

*"Illi permezz ta' ittra uffiċjali datata 23 ta' Lulju 2014 (anness Dok. 'BIT 1') l-Awtorità intimata interpellat lis-soċjetà esponenti sabiex fi żmien sebat ijiem min-notifika tressaq sottomissjonijiet lill-istess Awtorità sabiex ma tiġix imposta multa amministrattiva minħabba allegata vjolazzjoni tar-Regolament 5(1) tar-Regolamenti tal-2008 dwar il-Kwalità tal-Karburanti;*

*Illi s-soċjetà esponenti ppreżentat sottomissjonijiet bil-miktub entro t-terminu mogħti lilha permezz ta' ittra datata 29 ta' Lulju 2014 (anness Dok. 'BIT 2');*

*Illi ai termini tal-Artikolu 31A(4) tal-Kap. 423 jekk wara l-iskadenza tat-terminu mogħti l-Awtorità tikkonsidera li l-persuna involuta ma*

*tkun tat ebda raġuni valida biex turi għaliex m'għandha tiġi imposta ebda penali amministrattiva, l-Awtorità għandha tgħaddi biex timponi multa amministrattiva;*

*Illi ai termini tal-Artikolu 31A(8) tal-Kap. 423 l-Awtorità madanakollu għandha tagħti r-raġunijiet tagħha għal kull deċiżjoni li tittieħed taħt l-istess Artikolu 31A;*

*Illi b'ittra uffiċjali ulterjuri datata 18 ta' Settembru 2014 (anness Dok. 'BIT 3') l-Awtorità intimata avżat lis-soċjetà esponenti li l-ittra uffiċjali preċedenti tagħha tat-23 ta' Lulju 2014 kienet tikkostitwixxi titolu eżekuttiv ai termini tal-Artikolu 253(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ai termini tal-Artikolu 31 tal-Kap. 423 tal-Liġijiet ta' Malta u interpellat lis-soċjetà esponenti sabiex tħallas multa amministrattiva fl-ammont ta' €3,000.*

*Illi s-soċjetà esponenti ħasset ruħha aggravata b'dan l-aġir tal-Awtorità appellata u qed tinterponi dan l-Appell mill-imsemmija ittra uffiċjali datata 18 ta' Settembru 2014;*

***<u>Aggravji tal-Appell</u>***

*Illi l-aggravji tas-soċjetà esponenti huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

1. *L-aġir tal-Awtorità appellata huwa proċeduralment irregolari billi t-tieni ittra uffiċjali tagħha, ossia dik tat-18 ta' Settembru 2014, tippreżupponi illi (a) kellu jsir Appell mill-ittra uffiċjali datata 23 ta' Lulju 2014 u li (b) is-soċjetà esponenti naqset milli tagħmel hekk (Artikolu 31A(6) tal-Kap. 423). Hekk biss l-ittra uffiċjali datata 23 ta' Lulju 2014 setgħet saret titolu eżekuttiv;*

2. *Dawn iż-żewġ presupposti iżda huma għal kollox żbaljati;*

3. *Jiġi sottomess illi ma kien hemm l-ebda lok għal Appell mill-imsemmija ittra uffiċjali datata 23 ta' Lulju 2014 stante li fil-mument li din ġiet notifikata lill-esponenti l-Awtorità ma kienet għadha imponiet l-ebda multa. Dan jikkonsegwi mill-fatt illi s-soċjetà esponenti ġiet mistiedna sabiex tagħmel sottomissjonijiet fi żmien sebat ijiem sabiex ma tiġix imposta multa amministrattiva, kif ukoll dan jikkonsegwi mid-dispost tal-Artikolu 31A(4) tal-Kap. 423;*

4. *Konsegwentement l-ittra uffiċjali tat-23 ta' Lulju 2014 minnha innifisha ma kienetx qed timponi l-multa amministrattiva;*

5. *La darba s-soċjetà esponenti ġiet mistiedna sabiex tagħmel sottomissjonijiet, u tali sottomissjonijiet effettivament saru, l-Awtorità appellata kellha tagħti* ***<u>deċiżjoni ulterjuri</u>*** *wara li tieħu kont tas-sottomissjonijiet tas-soċjetà esponenti. Tali deċiżjoni kellha tkun motivata hekk kif rikjest mill-Artikolu 31A(8) tal-Kap. 423;*

6. *Ma kien hemm l-ebda lok għal Appell qabel ma l-Awtorità intimata tagħti tali deċiżjoni motivata proprju għaliex fin-nuqqas tal-imposizzjoni tal-multa amministrattiva ma kienx hemm deċiżjoni appellabbli;*

7. *L-Awtorità intimata, iżda, ma tat l-ebda deċiżjoni motivata u minflok bagħtet ittra uffiċjali ulterjuri datata 18 ta' Settembru 2014 li biha qed tippretendi li l-ittra uffiċjali preċedenti tagħha kienet saret titolu eżekuttiv mingħajr lanqas biss ingħatat deċiżjoni dwar is-sottomissjonijiet tal-esponenti;*

8. *Dan huwa għal kollox irregolari u abbuż ċar tal-proċess ġudizzjarju, kif ukoll ksur ta' dak li jiddisponi l-Kap. 423, bi preġudizzju għad-drittijiet tas-soċjetà esponenti.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi l-esponenti filwaqt li tagħmel referenza għall-provi kollha prodotti u dawk produċibbli ulterjorment, titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex prevja okkorrendo li tingħata dikjarazzjoni illi l-ittra uffiċjali datata 23 ta' Lulju 2014 ma tikkostitwix titolu eżekuttiv ai termini tal-Artikolu 253(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tħassar u jirrevoka l-ittra uffiċjali datata 18 ta' Settembru 2014 in kwantu proċeduralment irregolari u għalhekk intrinsikament irrita u nulla."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` intimata**ipprezentata fit-3 ta' Novembru 2014 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

*"Illi l-Awtorità esponenti kienet bagħtet ittra uffiċjali lis-soċjetà rikorrenti Bitmac Ltd. (C249) bid-data tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) (ara dok.MRA 1 anness), liema ittra kienet ġiet notifikata lill-istess soċjetà fil-erba' u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (ara referta annessa dok.MRA 2).*

*Illi f'dik l-ittra uffiċjali, l-Awtorità wara li ppremetiet li minn riżultat tal-analiżi tal-laboratorju indipendenti kien irriżulta li l-kampjuni elevati mill-Ispetturi tal-Awtorità mingħand is-soċjetà rikorrenti ma kienux konformi mal-liġi, l-Awtorità interpellat lis-soċjetà rikorrenti sabiex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha lill-Awtorità u tagħti r-raġunijiet tagħha il-għala l-Awtorità ma għandiex timponi multa amministrattiva fuqha. Illi fin-nuqqas ta' dan, l-Awtorità avżat lis-soċjetà rikorrenti li **"l-Awtorità qiegħda** timponi fuq is-soċjetà intimata multa amministrattiva ai termini tal-**Artikolu 31(2)** tal-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ammont ta' tliet elef Ewro (€3000). Illi Inoltre l-Awtorità mittenti tavża lis-soċjetà intimata illi jekk tibqa' inadempjenti se jittieħdu, mingħajr ebda pre avviż ieħor il-proċeduri opportuni kontra l-istess soċjetà intimata."*

*Illi diffatti l-Awtorità esponenti wara li qieset li s-soċjetà rikorrenti ma ressqitx sottomissjonijiet soddisfaċenti għaddiet biex mingħajr ebda pre avviż ieħor ħadet il-proċeduri opportuni kontra l-istess soċjetà intimata billi rrendiet l-istess ittra titolu ezekuttiv għall-effetti*

*u l-għanijiet kollha tal-artikolu 253(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) tal-Liġijiet ta' Malta b'ittra uffiċjali datata tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) (ara dok.MRA 3 anness), liema ittra ġiet innotifikata lis-soċjetà rikorrenti fit-tlieta u għoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) (23/09/2014) (ara referta annessa mmarkata dok. MRA 4) u sussegwentement bil-mandat tas-sekwestru eżekuttiv Numru 2095/14. Dan kollu sar abbażi tar-raġunijiet li ngħataw fl-ittra uffiċjali mibgħuta mill-Awtorità fid-data tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014).*

*Illi inoltre, s-soċjetà appellanti inoltrat appell quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (338/2014 FDP) fej hija qiegħda tikkontendi li l-Awtorità ma tistax tivvanta titolu eżekuttiv "stante li ma mxietx mal-proċedura dettata mill-Kap. 423 tal-Ligijiet ta' Malta;".*

*Illi l-Awtorità appellata qiegħda titlob lil dik l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-appellanti u tikkonferma l-mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv fl-ismijiet ta' Malta dwar fr-Riżorsi v. Bitmac Limited (Mandat Numru 2095/2014 GV), bl-ispejjez kontra l-appellat.*

*Illi l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud u dan għas-segwenti raġunijiet:*

***A. Illi dan it-Tribunal ma għandux il-kompetenza li jannulla t-titolu ezekuttiv li għandha l-Awtorita appellata.***

*1. Illi dan l-Appell jittratta dwar l-ittra uffiċjali datata tlieta u għoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) (23/09/2014)*
*2. Illi din l-ittra uffiċjali, hija ittra li trendi l-ittra uffiċjali tat-23 ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014), liema ittra uffiċjali tikkontjeni d-deċizjoni amministrattiva meħudha mill-Awtorita appellata.*
*3. Illi din l-ittra ma tikkontjeni ebda deċizjoni amministrattiva u għalhekk ma tistax tiġi impunjata quddiem dan l-Onorabbli Tribunal u dana peress li dan l-Onorabbli Tribunal ma għandux is-setgħa għajr dawn ċirkoskritti mil-liġi u ċioe li jittratta appelli dwar waħda mir-raġunijiet kif jipprovdi l-Artikolu 34(2) tal-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta, f'deċizjonijiet li jittieħdu mill-Awtorita appellata u ċioe jekk jirrizulta li jkun hemm:*

*(a) zball materjali dwar il-fatti;*
*(b) zball materjali fil-proċedura;*
*(ċ) zball fil-liġi; u*
*(d) li kien hemm xi illegalità materjali, inkluza lir-raġonevolezza jew nuqqas ta' proporzjonalità, u dan skond ma jitlob l-Artikolu 34(2) tal-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. *Illi l-appell tas-soċjeta appellata ma jinkwadra ebda waħda minn dawn ir-rekwiziti u għalhekk ma jistax jiġi kkunsidrat minn dan l-Onorabbli Tribunal.*

*5.Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-Awtorità mxiet mal-proċedura stabbilita mil-liġi biex tiġi resa eżekuttiva deċiżjoni li għaddiet f'ġudikat (dik tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014)).*

*6. Illi inoltre, s-soċjetà appellanti diġà inoltrat appell quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (338/2014 FDP) fejn hija qiegħda tattakka t-titolu eżekuttiv tal-Awtorità u fejn l-Awtorità qiegħda titlob lil dik l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-appellanti u tikkonferma l-mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv kontra s-soċjetà Bitmac. Illi l-liġi diġà tipprovdi proċeduri speċifiċi u adekwati fejn jista' jiġi attakkat titolu eżekuttiv, ossija taħt it-Titolu VII tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u l-Proċedura Ċivili u speċifikament l-artikolu 281 taħt l-istess Titolu, kif s-soċjetà appellanti fil-fatt għamlet. Illi l-proċedura ta' appell quddiem dan it-Tribunal ma għandhiex tintuża bħala sede ta' appell ieħor minn dak speċifikament stabbilit mil-liġi.*

***B. Dwar l-aggravju illi L-agir tal-Awtorita appellata huwa proċeduralment irregolari***

*Mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat li dan l-aggravju huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-Awtorità appellata mxiet mal-proċedura ddettata mill-liġi.*

*Illi kuntrarjament għal dak li tgħid is-soċjetà esponenti fl-appell tagħha l-Awtorità esponenti mxiet skrupolożament mal-proċedura dettata mill-Kap. 423 tal-Ligijiet ta' Malta u għaldaqstant hija imxiet mal-proċedura rikjesta mil-liġi.*

*Illi l-Awtorità hawnhekk tirreferi għal dak li qal it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa fil-każ Liquigas Malta Limited v. Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, kif kwotat u ukoll ikkonfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Appell Civili Numru. 341/2012/1) (ara sentenza annessa dok. MRA 5), għar-rigward kif l-Awtorità esponenti għandha timxi taħt il-proċedura in kwistjoni :*

*"Minn dan il-provvediment tal-liġi jirriżulta ferm ċar illi sabiex ittra uffiċjali maħruġa mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi ai termini tal-artikolu 31A(6) tal-Kap. 423 tal-Liġijiet ta' Malta tiġi reża eżekuttiva, u b'hekk l-Awtorità jkollha titolu eżekuttiv fil-konfront tal-persuna kontra min ħadet din l-azzjoni – il-bażi fuq liema l-Awtorità intimata qed topponi t-talba tas-soċjetà rikorrenti għas-sospensjoni tal-effetti tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju 2012 u tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Diċċembru 2012 – jeħtieġ illi:*
*(a) l-ewwel qabel kollox jiskadi t-terminu prefiss fil-liġi għal appell minn dik l-ittra uffiċjali u naturalment ma jkunx ġie intavolat tali*

*appell; u mbagħad*
*(b) l-ittra uffiċjali tkun trid tiġi notifikata lill-persuna involuta permezz ta' att ġudizzjaru......*

*Biex isir dan (jinkiseb titolu eżekuttiv-nota tal-esponenti), l-art. 31A(6) tal-Kap. 423 irid inter alia illi jkun għalaq iż-żmien li fih jista' jsir appell u illi f'dak iż-żmien ma jkun sar ebda appell. Mela jekk kien għadu ma għaddiex iż-żmien li jagħti l-art. 34(7) tal-Kap. 423 biex Liquigas setgħet tagħmel appell, viz. "żmien għoxrin ġurnata mid-data meta dik id-deċiżjoni jew ordni tkun ġiet notifikata bil-miktub lill-parti li tkun qiegħda tappella", l-ittra tat-30 ta' Lulju 2012 ma tistax titqies titolu esekuttiv."*

*Illi jiġi sottomess lil dan l-Onorabbli Tribunal li l-Awtorità mxiet skrupolożament mal-proċedura kif stabbilita skont id-disposizzjonijiet relevanti tal-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u kif spjegat fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell. Illi fil-każ odjern is-soċjetà appellanti ma kienitx tempestiva u ma għamlietx appell fiż-żmien li fih kien jista' jsir appell jiġifieri żmien għoxrin ġurnata mid-data meta dik id-deċiżjoni jew ordni tkun ġiet notifikata bil-miktub lill-parti li tkun qiegħda tappella.*

*Illi kien għalhekk li l-Awtorità mittenti kienet mxiet ai fini tal-Artikolu 31 tal-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta u rrendiet l-istess ittra titolu ezekuttiv għall-effetti u l-għanijiet kollha tal-artikolu 253(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' liema s-soċjeta rikorrenti kellha tersaq għall ħlas tal-multa amministrattiva mposta fuqha permezz tal-ittra tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) (ara -ittra datata tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u bir-referta annessa dok.MRA 4).*

*Ghaldaqstant l-awtorita appellata umilment tikkontendi li dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad dan l-aggravju stante li huwa nfondat fill-fatt u fid-dritt.*

***Konkluzjoni***

*Illi in vista tas-suespost l-esponenti umilment tinterponi li dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad l-aggravji tal-appellanti u jiċħad l-appell tas-soċjetà appellanti), bl-ispejjez kontra l-appellanti. "*

Ra illi fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2015 l-Awtorita` intimata irrinunzjat ghall-ewwel eccezzjoni, u cioe` dik tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal;

Ra d-dokumenti kollha sottomessi mill-partijiet;

Sema' x-xhieda tal-Inginier Anthony Rizzo;[1]

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li l-appell thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi s-socjeta` rikorrenti intavolat l-appell odjern sabiex dan it-Tribunal jiddikjara illi ittra ufficjali datata 23 ta' Lulju 2014 ma tikkostitwix titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 253 (a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u wkoll sabiex ihassar u jirrevoka l-ittra ufficjali datata 18 ta' Settembru 2014 in kwantu proceduralment irregolari u ghalhekk irrita u nulla.

Illi jirrizulta illi dawn il-proceduri gew xprunati minn spezzjoni li ghamlet l-Awtorita` intimata, illum ir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma, fis-7 ta' Lulju 2014 fejn allegatament l-ispetturi taghha sabu li *fuel* li kien qed jintuza mill-istess socjeta` ma kienx konformi mal-ligi u cioe` ma' l-ammont ta' kubrit fid-*diesel* specifikat fit-Tieni Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 423.29 (Regolamenti tal-2008 dwar il-Kwalita` tal-Karburanti).

Sussegwentement l-istess Awtorita` intimata baghtet ittra ufficjali lis-socjeta` rikorrenti datata 23 ta' Lulju 2014 fejn interpellatha sabiex fi zmien sebat ijiem tressaq is-sottomissjonijet taghha ghaliex l-istess Awtorita` m'ghandhiex timponi multa amministrattiva. Is-socjeta` rikorrenti giet infurmata wkoll illi fin-nuqqas l-Awtorita` intimata kienet qieghdha timponi multa ta' tlett elef ewro (€3000).[2]

Illi permezz ta' ittra legali datata 29 ta' Lulju 2014 is-socjeta` rikorrenti ghamlet is-sottomissjonijiet taghha fejn spjegat ghaliex ma taqbilx mal-allegazzjonijiet imressqa mill-Awtorita` intimata fl-ittra ufficjali taghha tat-23 ta' Lulju 2014.[3]

---

[1] Ara traskrizzjoni minn fol. 72 sa fol.79
[2] Ara Dok BIT 1 a fol. 5 sa 8
[3] Ara Dok. BIT2 a fol. 9 sa 23

Illi permezz ta' ittra ufficjali ohra datata 18 ta' Settembru 2014 l-Awtorita` intimata infurmat lis-socjeta` rikorrenti li l-ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju 2014 tikkostitwixxi titolu ezekuttiv u li fin-nuqqas li tithallas il-multa amministrattiva ta' tlett elef ewro (€3000), l-istess Awtorita` kienet se tmexxi bil-mandati ezekuttivi fil-konfront taghha.[4]

Illi s-socjeta` rikorrenti qieghdha tikkontendi li l-Awtorita` intimata mxiet proceduralment b'mod skorrett u dana ghaliex l-ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju 2014 ma setghet qatt tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ladarba l-istess socjeta` kienet baghtet is-sottomissjonijiet taghha entro t-terminu ta' sebat (7) ijiem. Semmai kellha tinghata decizjoni ulterjuri li minnha mbaghad seta' jsir appell ghal quddiem dan it-Tribunal.

Illi min-naha l-ohra, l-Awtorita` intimata, qieghdha tishaq li mxiet skrupolozament mal-procedura stabbilita fl-Att dwar l-Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Rizorsi (Kap 423). Hija tishaq li s-socjeta` rikorrent setghet ghamlet appell fi zmien ghoxrin gurnata minn meta rceviet l-ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju 2014 biex timpunja d-decizjoni tal-istess Awtorita`. Fin-nuqqas ta' tali appell, l-Awtorita` intimata ghaddiet biex irrendiet l-istess ittra wahda ezekuttiva.

Illi ghalhekk jidher car li qieghdha tinghata interpretazzjoni differenti ghall-ahhar ta' dak li jesigi l-Kap 423. Illi artikolu 31A tal-imsemmija Ligi jghid is-segwenti:-

*"**31A.** (1) L-Awtorità, qabel ma timponi penali amministrattiva fuq xi persuna li tikser jew tonqos milli tosserva -*
*(a) xi disposizzjoni ta' dan l-Att;*
*(b) regolamenti magħmulin taħt dan l-Att;*
*(ċ) xi liġi oħra li l-Awtorità għandha l-jedd li tenforza;*
*jew;*
*(d) xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità kemm jekk taħt dan l-Att, regolamenti magħmulin taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra li l-Awtorità jkollha l-jedd li tenforza; jew*
*(e) xi kondizzjoni ta' xi awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan*
*l-Att,*
*għandha permezz ta' ittra uffiċjali lill-persuna involuta –*
*(i) tagħti avviż lil dik il-persuna tal-penali amministrattiva li tista' tiġi imposta mill- Awtorità;*

[4] Ara Dok MRA 3 a fol. 35

*(ii) tagħti avviż tar-raġuni speċifika għaliex tkun qegħda tiġi imposta dik il-penali;*
*(iii) tagħti avviż dwar l-ammont tal-penali;*
*(iv) titlob lil dik il-persuna biex issewwi l-atti jew l-ommissjonijiet li jkunu saru minn dik il-persuna u, jew li tressaq is-sottomissjonijiet tagħha lill-Awtorità fi żmien speċifikat:*

*Iżda dak iż-żmien ma' jistax ikun ta' aktar minn għoxrin ġurnata u mhux anqas minn ħamest ijiem mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali:*

*Iżda wkoll il-persuna, li kontriha tista' tiġi imposta penali amministrattiva, għandha tingħata opportunità raġonevoli matul dak il-perjodu ta' żmien li jista' jkun stipulat fl-ittra uffiċjali biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha lill-Awtorità u biex tipproponi kull rimedju li jsewwi l-attijiet jew l-ommissjonijiet hekk kif ikunu meħtieġa mill-Awtorità li jiġu hekk imsewwija.*

*(2) Fl-ittra uffiċjali msemmija fis-subartikolu (1), l-Awtorità tista' timponi dawk il-kondizzjonijiet li tista' tikkunsidra raġonevoli fiċ-ċirkostanzi.*

*(3) Jekk il-persuna involuta tirrimedja l-ksur fiż-żmien stabbilit mill-Awtorità skont is-subartikolu (1), u taqbel bil-miktub li tosserva l-kondizzjonijiet li l-Awtorità tista' timponi, l-Awtorità għandha tieqaf milli tkompli tipproċedi:*
*Iżda jekk il-persuna involuta, wara li tkun intrabtet bil-miktub, kif imsemmi hawn qabel, tonqos milli tirrimedja l-ksur fiżżmien stabbilit mill-Awtorità skont is-subartikolu (1) jew tonqos milli tħares il-kondizzjonijiet li jkunu ġew miftiehma bil-miktub, l-Awtorità għandha timponi penali amministrattiva kontra dik il-persuna għal dak in-nuqqas, flimkien mal-penali amministrattiva li tista' tiġi imposta għall-ksur innifsu.*

*(4) Jekk wara li jiskadi l-perjodu imsemmi fis-subartikolu (1), l-Awtorità tikkunsidra li l-persuna involuta ma tkun tat ebda raġuni valida biex turi għaliex m'għandha tiġi imposta ebda penali amministrattiva kontra dik il-persuna,* ***l-Awtorità għandha tgħaddi biex timponi dik il-multa amministrattiva,***[5]
*....*

*(6) L-ittra uffiċjali msemmija fis-subartikolu (1), meta jiskadi t-terminu li fih jista' jsir appell minnha, u meta ssir notifika ta' kopja tagħha permezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna li weħlet il-penali amministrattiva, għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-għanijiet kollha tal-artikolu 253(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:*

---

[5] Enfasi tat-Tribunal

*Iżda jekk il-persuna li kontriha tkun inħarġet l-ittra uffiċjali, tagħmel appell quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva, u flimkien mal-appell jew qabel ma tagħmel l-appell tkun talbet li t-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva jissospendi l-effetti tal-ittra uffiċjali, għaldaqstant l-Awtorità għandha tieqaf milli toħroġ att ġudizzjarju kif imsemmi f'dan is-subartikolu sakemm tkun ġiet deċiża, miċħuda jew mod ieħor ittrattata t-talba għal sospensjoni:*

*Iżda wkoll it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva għandu jiddeċiedi kull talba għas-sospensjoni msemmija f'dan is-subartikolu mill-aktar fis. Qabel ma tiġi deċiża talba bħal dik, it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva għandu jagħti lill-Awtorità opportunità raġonevoli biex twieġeb u tressaq is-sottomissjonijiet tagħha, fi żmien mhux anqas minn tliet ijiem tax-xogħol."*

Illi ghalhekk minn qari tad-disposizzjoni appena citata jirrizulta illi l-Awtorita` intimata trid l-ewwel u qabel kollox turi l-intenzjoni taghha li timponi penali permezz ta' ittra ufficjali. Trid ukoll taghti zmien lill-persuna koncernata taghmel is-sottomissjonijet taghha, u jekk tali sottomissjonijiet ma jurux raguni valida ghaliex m'ghandha tigi mposta ebda penali, **allura l-Awtorita` ghandha tghaddi biex timponi l-istess multa**. Illi t-Tribunal jirrileva illi ghalkemm il-ligi ma ssemmix b'liema mod l-Awtorita` intimata ghandha tghaddi biex timponi l-multa, artikolu 31A (8) jistipula li l-Awtorita` intimata ghandha taghti r-ragunijiet taghha ghal kull decizjoni li tittiehed. Fil-kaz in ezami pero` ma jirrizultax illi l-Awtorita` intimata tat xi decizjoni ulterjuri wara l-ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju 2014 fejn tat ir-ragunijiet taghha ghala kienet qed timponi l-penali. L-Awtorita` ma tistghax tistrieh fuq l-ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju 2014 ghax f'dik l-ittra l-Awtorita` kienet qieghdha biss turi l-intenzjoni taghha u wara s-sottomissjonijiet imressqa mis-socjeta` attrici kellha tal-inqas tgharraf lill-istess socjeta` li kienet qed tirrigetta l-istess sottomissjonijiet u zzomm fermi r-ragunijiet imsemmija minnha fl-ewwel ittra ufficjali.

Madankollu, minkejja dan in-nuqqas, l-Awtorita` intimata ghaddiet biex ipprocediet bit-tieni ittra ufficjali datatqa 18 ta' Settembru 2014 biex tirrendi ezegwibbli l-ewwel wahda datata 23 ta' Lulju 2014 stante li, skond hi, ma sar l-ebda appell fit-terminu previst mil-ligi.

Illi jekk wiehed jezamina s-subinciz (6) tal-artikolu 31A isib li l-Awtorita' intimata, meta jiskadi t-terminu li fih jista' jsir appell mill-ewwel ittra ufficjali, u meta ssir notifika ta' kopja taghha permezz ta' att gudizzjarju **lill-persuna li wehlet il-penali amministrattiva**, ghandha tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 253 (a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Illi jigi rilevat illi fl-ebda mument u minn imkien ma jirrizulta illi qabel giet intavolata l-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru 2014 is-socjeta` rikorrenti kienet wehlet xi penali amministrattiva. Kwindi hemm dan il-pass maqbuz li jrendi kull att sussegwenti null u minghajr effett.

Illi huwa veru li l-ligi tghid illi meta jiskadi t-terminu li fih jista' jsir appell mill-ittra ufficjali u ma jsir l-ebda appell l-Awtorita` intimata jkollha titolu ezekuttiv wara li ssir notifika tal-istess ittra ufficjali b'att gudizzjarju. Pero` l-interpretazzjoni logika li ghandha tinghata hija illi l-appell isir **mid-decizjoni** tal-Awtorita` intimata li biha timponi l-penali u mhux **mill-intenzjoni** tal-Awtorita` intimata li timponi l-istess penali. Issa kif gia intqal, f'dan il-kaz ma rrizultax illi effettivament is-socjeta` rikorrent fil-fatt kienet wehlet tali penali amministrattiva. Dan qieghed jinghad anke fid-dawl tal-kontenut tal-istess ittra ufficjali datata 23 ta' Lulju 2014 fejn l-istess Awtorita` intimata infurmat lis-socjeta` rikorrenti illi "*Fin-nuqqas li s-socjeta` intimata tottempra ruhha ma' dan*[6]*……l-Awtorita` qieghdha timponi fuq is-socjeta` intimata multa amministrattiva ai termini tal-Artikolu 31 (2) tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ammont ta' tliet elef ewro (€3000)".*[7] Dan ifisser illi li kieku s-socjeta` rikorrenti ma pprezentatx is-sottomissjonijiet taghha, l-Awtorita` kienet se tghaddi biex timponi l-penali. Pero` xorta wahda, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, anke fin-nuqqas ta' sottomissjonijiet irid ikun hemm decizjoni vera u proprja da parti tal-Awtorita` fejn tinforma lill-persuna koncernata li kienet wehlet il-penali.

Illi dan it-Tribunal ma jarax logika fil-mod kif l-Awtorita` intimata qieghdha tinterpreta l-procedura li ghandha tigi segwita wara l-hrug ta' ittra ufficjali. Skond l-Awtorita`

[6] Riferibbilment ghas-sottomissjonijiet li l-Awtorita` intimata stiednet lill-socjeta` rikorrenti taghmel
[7] Dok BIT1 a fol. 5 u 6

intimata, filwaqt li wiehed jigi invitat biex jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu biex l-Awtorita` tkun tista’, jekk ikun il-kaz, tirrevedi l-intenzjoni taghha, jibda ghaddej ukoll terminu ta’ massimu ta’ ghoxrin gurnata fejn l-individwu jrid jappella mill-kontenut ta’ dik l-ittra ufficjali. Kif jista’ wiehed jippretendi lill-individwu koncernat li jappella minn “intenzjoni” fejn is-sanzjoni ghadha ma gietx imposta u wara li l-istess Awtorita` stednitu biex jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu dwar l-istess intenzjoni? Dan hu aktar assurd meta wiehed iqis li l-Awtorita` intimata tista’ taghti lill-persuna koncernata terminu ta’ ghoxrin gurnata biex iressaq is-sottomissjonijiet tieghu. Allura kif inhu koncepibbli li fit-terminu li persuna suppost taghmel is-sottomissjonijiet taghha biex tirribatti dak li l-Awtorita` intimata uriet l-intenzjoni li taghmel, ikun qed jiddekorri wkoll xi terminu ta’ appell!

Illi ghalhekk it-Tribunal iqis illi s-socjeta` rikorrenti ghandha ragun fl-aggravji taghha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata stante li din giet rinunzjata mill-istess Awtorita`, jilqa’ l-appell tar-rikorrenti u jichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez ikunu a karigu tal-Awtorita` intimata, illum Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma.

________________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**